MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 107/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Lyton Paul Debattista (ID 37088M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghadnux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, tmien mija u erba’ ewro u hmistax-il centezmu (€6,804.15) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’ tal-konvenut mal-Bank of Valeltta p.l.c. (Dok A1 sa Dok A3) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Frar 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-Lyton Paul Debattista permezz ta’ skrittura privata datata fit-13 ta’ Mejju 2006 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l–konvenut Lyton Paul Debattista (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu l-imsemmmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjes inkuz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-18 ta’ Jannar 2010 (Dok C) u tal-Mandat ta’ Sekwestru. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-istess konvenut gie notifikat skond l-artiklu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-dokumenti esebiti a fol 2 sa fol 12 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut avolja notifikat kif hawn fuq premess naqas milli jidher sabiex jikkontesta t-talbiet attrici u ma ppresenta l-ebda risposta bil-miktub sabiex jikkontesta l-istess talbiet.

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet lill-<u>Avukat Dottor Lilian Cremona</u> fis-seduta tallum stess u din kkonfermat li l-ammont mitlub fir-rikors in esami ghadu, kollu kemm hu, dovut sad-data tallum mill-istess konvenut.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ser jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tidkkudanna lill-konvenut sabiex jhallas lil l-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ €6804.15 bl-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Frar 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l–ispejjes kollha ta’ din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra

ufficjali tat-18 ta’ Jannar 2010 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru msemmi fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------